## 30 ta' Novembru, 1954.

**Imħallef :—**

**Chev. Onor. Dr. W.Harding, B.Litt., LL.D.**

**Anthony Falzon, O.B.E., ne.**

*versus*

**Prof. Joseph H. Xuereb, LL.D., ne.**

**Azzjoni "de in rem verso" — Meta hija esperibili.**

*L-azzjoni "de in rem verso" hija rimedju sussidjarju, li huwa esti. għall-każijiet kollha fejn jarwera ruħu arrikkiment indebitu effettiv għad-dannu ta' ħaddieħor. U hija esperibili fejn ma hix esperibili l-azzjoni "ex contractu".*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur nomine quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut nomine biex iħallsu s-somma ta' £6. 6. 0, prezz ta' gas u kera tal-meter fil-fond 221 Pietà Wharf, Pjetà, mit-22 ta' Novembru 1952 sal-1 ta' Diċembru 1953; bl-ispejjeż, kompriżi 3s. ta' l-ittra interpellatorja.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Awissu 1954, li biha dik il-Qorti laqgħet it-talba attriċi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi, skond ix-xhud Victor Ellul Bonnici, impjegat tad-ditta attriċi, it-talba għall-installazzjoni tal-gas ġiet magħmula minn mart l-interdett Rosario Gioacchino Lebrun;

Illi rriżelta wkoll li tant il-Professur Dr. Giuseppe Degiorgio, kemm ibnu l-Avv. Dr. Giorgio, bħala kuraturi tal-interdett Lebrun, iddikjaraw li huma ma jħallsux il-kont tal-gas, iżda kellhom jipperswadu lill-istess interdett biex iħallas huwa direttament;

Illi ma jirriżulta minn ebda prova li l-konvenut Prof. Dr. Xuereb b'xi mod aċċetta li jħallas il-kont in kwistjoni, jew irratifika l-operat tal-mara ta' l-interdett; u dana indipendentement mill-fatt li dina l-obligazzjoni ma għandha ebda effett legali;

Illi kwindi, minn dan l-aspett kunsidrat fis-sens premess. l-azzjoni ma tistax tiġi sostnuta;

Illi l-każ deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Mejju 1953, in re "*P.L. Bennie H. Dingli ne. vs. Joseph* Mifsud Bonnici ne.", huwa totalment divers minn dak li għandha quddiemha l-Qorti. Infatti, dak il-każ kien jirrigwarda pagament magħmul lill-interdett kreditur, u kien qed jiġi mitlub ħlas mill-ġdid in vista ta' l-allegata nullità tal-pagament preċedenti, mentri l-vertenza preżenti tirrigwarda debitu ta' l-interdett;

Illi kwindi baqa' jiġi eżaminat jekk il-kuratur ta' l-interdett għamelx lokupletazzjoni għad-dannu ta' l-attur nomine, u jekk jirrikorrux l-elementi ta' l-azzjoni "de in rem verso". Dina l-azzjoni, skond il-ġurisprudenza kostanti aċċettata mill-Qrati Tagħna, hija rimedju sussidjarju li huwa estiż għall-każijiet kollha fejn tkun avverata ruħha lokupletazzjoni effettiva għad-dannu ta' ħadd iħor, u hija esperibbli fejn ma hix esperibbli l-azzjoni "ex contractu";

Illi mill-provi rriżulta li l-installazzjoni tal-gas effettivament saret fid-dar tal-konvenut, tant li dan kellu, kif xehed l-Avukat Dr. Degiorgio, iħallas direttament. Irriżulta wkoll illi l-interdett issulloka dak il-fond, u wieħed għandu raġjonevolment jippreżumi li, in vista tal-gas fil-lok, dana jinkera aktar. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi hemm ir-rekwiżit ta' l-arrikkiment;

Illi l-ammont reklamat huwa pjenament ġustifikat mill-kont relativ (dok. X);

Rat iċ-ċitazzjoni tal-konvenut nomine, li biha appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi f'dina s-sede l-appellant nomine, mentri sostna, bl-argumenti li ssottometta u bil-provi li pproduċa, li huwa ma għandux ikun tenut għall-ħlas "ex contractu", xejn ma ġieb bħex jurj li ma hemmx lok għall-kundanna tiegħu in forza ta' l-"actio de in rem verso". Din l-ispeċi ta' kontestazzjoni limitata kienet kważi superfluwa; għaliex l-Ewwel Qorti ma kkundannatux *in bażi ta' l-obligazzjoni*, li anzi korrettament irriteniet nulla, iżda in bażi għall-arrikkiment indebitu. Kif

ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Tonna vs. Cachia Zammit" fit-23 ta' Mejju 1924, "......... conforme venne ritenuto dalla nostra giurisprudenza, il rimedio sussidiario 'de *in rem verso*', basato sulle disposizioni contenute nel titolo *omonimo del Digesto, venne dai pratici esteso, oltre ai casi con*templati in quel titolo, a tutti gli altri casi in cui si fosse avverata una effettiva locupletazione a danno altrui, in base al noto aforisma 'jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem', e fu concesso nei *casi in cui* l'*azione* 'ex contractu' non è più esperibile" (ara wkoll P.A. "Pulis vs. Ellul", 30 ta' Novembru 1935, fejn hemm ċitata l-monografija tal-Professur Vittorio Mori;

Issa, f'dan *il-każ kien hemm* din il-lokupletazzjoni ossija versjoni utili, għaliex, kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti, wieħed għandu raġjonevolment jaħseb li l-fond ġie mikri aħjar għaliex fih l-*installazzjoni* tal-gas. Barra minn hekk, l-interdett iffranka li jħallas l-ispiża mir-retta li jirċievi. Lanqas jista' jingħad li l-ispiża hi kapriċċuża; għaliex l-installazzjoni tal-gas f'dar hi ħaġa xierqa għall-affittabilità tagħha (ara konsiderazzjonijiet magħmulin f'materja analoga, Kollez. Vol. XXI, p. 103);

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant nomine.